# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Johnny Carabott

Illum 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Johnny Carabott bin Michael u Concetta nee' Camenzuli imwieled fit-28/01/1977 u joqghod 2, Morning Dew, Triq H`Attard, Qormi. ID 104977M.

Billi int akkuzat talli fid-29 ta' Gunju, 2022 ghall-habta ta' 01:12 hrs Fi Triq Santu Wistin, San Giljan soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni ELY 206.

1. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt hruq jew ghamilt hsara jew gharraqt xi haga , minhabba f`hekk Syed Larar Heider

baghta offiza gravi fuq il-persuna ta' bil-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Elton Caruana u/jew diversi tobba mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikol 226 (1)(a ) L.S. 65.11 MVR88 tal-Ligijiet ta' Malta L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat li gie ezebit il-Process Verbal fit-30 ta Gunju, 2022 u l-hatra tal-esperti giet ikkonfermata flistess data.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 2098 Gloria Alamango** xehdet permezz ta' affidavit

**Dr Elton Caruana u Dr Daniela Bonello** xehdu permez ta' affidavit

**Syed Jarar Haider** xehed bil-lingwa Ingliza rigwardanti d-dinamika tal-l-incident u l-lokalita' tal-incident

**Ikkunsidrat**

Jidher li l-imputat gie irrinfaccjat b'emergenza subitaneja meta qasam il-midrub b'mod inkawt go triq dejqa u wera nuqqas ta'proper lookout

fil-qsim tieghu. Meta triq tkun dejqa min jaqsam irid ikun kawt hafna peress li d-djuqija tat-triq stess tikkreja diffikultajiet sabiex sewwieq ikun jista' jirrejagixxi meta utent tat-triq jaqsam tali triq. Isegwi li l-imputat mhux hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226 (1)(a ) L.S. 65.11 MVR88 tal-Ligijiet ta' Malta L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Johnny Carabott hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**